**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 21 ta’ Gunju 2022**

Rikors Numru: 202/22 AL

A B C

vs

D B C

(MR Numru 8341996)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-esponent A B C u l-intimata D B C izzewgu fit-8 ta' Gunju 1996 fil-Katidral ta' San Pietru u San Pawl, fl-Imdina, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bic-Certifikat taz-Zwieg numru

tmien mija u erbgha u tletin tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (834/1996).

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, li jisimha E B C, fis-17 ta' April 1997, u llum ghandha aktar minn tlieta u ghoxrin (23) sena u hija finanzjarjament indipendenti.

3. Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin minn April 2014, u sseparaw legalment b'att tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tas-16 ta' Frar 2022 (Dok. B).

4. Illi l-esponenti u martu A B C huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, u ghandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom, u ghalhekk hadd minnhom ma jippretendi ebda hlas ta' manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li ghadda u lanqas ghall-futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi, il partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin (klawsola 8).

5. Illi ma hemm ebda prospettiva ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

6. Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi numru 834/1996;

(2) Tordna lir-Registratur javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Apri,l 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat ir-risposta li tal-intimat;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla u fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal aktar minn sena u legalment separati mis-16 ta' Frar 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.